

DEĊIŻJONI (UE) 2015/1195 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-2 ta' Lulju 2015****li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/298 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/25)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/774 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/10) ⁽¹⁾ tistabbilixxi programm ta' xiri ta' assi tas-settur pubbliku minn swieq sekondarji (iktar 'il quddiem il-"PSPP"). Jeħtieġ li jsir provvediment għad-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-BĊE mill-PSPP fid-Deċiżjoni (UE) 2015/298 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/57) ⁽²⁾.
- (2) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2015/298 (BĊE/2014/57) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emenda**

Il-punt (d) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/298 (BĊE/2014/57) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(d) 'Id-dħul tal-BĊE li jirriżulta minn titoli' tfisser id-dħul nett li jirriżulta minn xiri mill-BĊE ta' titoli: (i) taħt l-SMP skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/5; (ii) taħt is-CBPP3 skont id-Deċiżjoni BĊE/2014/40; (iii) taħt l-ABSPP skont id-Deċiżjoni BĊE/2014/45; u (iv) taħt il-programm ta' xiri ta' assi tas-settur pubbliku minn swieq sekondarji (PSPP) skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/774 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/10) (*).

(* Deċiżjoni (UE) 2015/774 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Marzu 2015 dwar programm ta' xiri ta' assi ta' swieq sekondarji mis-settur pubbliku (BĊE/2015/10) (ĠU L 121, 14.5.2015, p. 20)."

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Lulju 2015.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ Deċiżjoni (UE) 2015/774 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Marzu 2015 dwar programm ta' xiri ta' assi ta' swieq sekondarji mis-settur pubbliku (BĊE/2015/10) (ĠU L 121, 14.5.2015, p. 20).

⁽²⁾ Deċiżjoni (UE) 2015/298 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/57) (ĠU L 53, 25.2.2015, p. 24).